MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 61/2008

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Patrick Valentino**
**u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici kuraturi deputati**
**nominati biex jirrapprezentaw l-interessi ta' l-assenti**
**C D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-partijiet inghaqdu fiz-zwieg fis-17 ta' Dicembru 1999 u minn din l-ghaqda ma twieldu ebda tfal.

2. Illi l-partijiet, jew min minnhom, taw il-kunsens taghhom ghall-kuntratt taz-zwieg bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew iktar mill-elementi

essenzjali, jew ohrajn tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghal att taz-zwieg, izda ghamlu dan bi skop unikament qarrieqi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet, jew min minnhom, ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga u jew b' anomalija psikologika serja li jaghmilha impossibbli ghall-istess partijiet jew min minnhom, li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddeciedi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li n-naha konvenuta baqghet kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha mal-konvenut assenti kuntrattat fis-17 ta' Dicembru 1999 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Kwadru tal-fatti**
Illi l-Qorti semghet lill-attrici tiddeponi.

Illi mill-provi mhux kontradetti jirrizulta li l-partijiet ikkuntrattaw zwieg civili fis-17 ta' Dicembru 1999 meta allura l-attrici, cittadina maltija, kellha 18-il sena u l-konvenut, cittadin egizzjan, kellu 27 sena. Wara

konvivenza qasira, il-konvenut assenti telaq mid-dar konjugali u ma kkuntatjax lill-attrici izjed.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

L-attrici tghid li hi kienet iltaqghet mal-konvenut assenti meta kellha 18-il sena, u wara seba' xhur li damu johorgu flimkien, huwa kien ippropona zwieg, u hi kienet accettat, izda kien l-konvenut li kien insista li jizzewgu. Wara z-zwieg l-attrici kienet iffirmat id-dokumenti necessarji sabiex il-konvenut, allura zewgha, jottjeni l-liberta' tal-moviment f' Malta. Wara konvivenza ta' sentejn, bid-diffikultajiet taghha, il-konvenut telaq mid-dar konjugali, u l-attrici ma setghetx tirrintraccjah. Tghid li ilha ma tarah, circa erba' snin.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi f' dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront tal-konvenut assenti l-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat.

Mill-provi jirrizulta car li l-konvenut, ghalkemm esternament kien ghadda minn cerimonja ta' zwieg ma' l-attrici, huwa ma kellhux l-intenzjoni li jibqa' jghix il-hajja konjugali maghha fuq bazi permanenti, anzi b' att pozittiv tal-volonta' tieghu huwa kien internament eskluda l-obbligi derivanti minn unjoni <u>permanenti</u>, esklussiva u rrevokabbli diretta lejn <u>il-benessere reciproku</u>, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha fit-termini ta' l-artikolu 19[1][f] tal-Kap.255. imputabbli lill-konvenut assenti.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-17 ta' Dicembru 1999. L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-konvenut, izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom jigu sopportati provvizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------